30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Victor Cauchi *versus* Alfredo Bonello et.

**Ċirkolu — Deliberazzjonijiet tal-Maġġjoranza — Obligatorjetà.**

*Id-deċiżjonijiet u d-deliberazzjonijiet li jittieħdu bil-maġġoranza tas-soċi ta' każin jobligaw lis-soċi kollha, anki jekk dawn d-deliberazzjonijiet ikollhom l-effett li jbiddlu l-isem jew l-iskop tal-każin, purkè dawk id-deliberazzjonijiet jittieħdu mingħajr ma jiġu vjolati r-regolamenti tal-każin u s-seduti jkunu ġew imsejħa bi proċedura konformi ma' dawk ir-regolamenti.*

*Is-soċju li jkun assenta ruħu mis-seduta fejn ittieħdu dawk id-deliberazzjonijiet ma jistax wara jopponi ruħu għalihom jew jikkontesta l-legalità tagħhom jekk huwa ma kellux raġuni tajba biex ma jattendix f'dik is-seduta.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar 1945, fejn jinsabu miġburin id-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Ottubru 1944, u r-raġunijiet li fuqhom dik is-sentenza kienet bażata, u li biha ġiet revokata dik is-sentenza billi ġie dikjarat li l-konvenuti huma persuni leġittimi biex jikkontestaw din il-kawża, bl-spejjeż relativi taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti, u ġie ordnat li l-kawża tiġi mibgħuta lill-Ewwel Qorti biex tiġi trattata u deċiża skond il-liġi;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-26 ta' Frar 1946, li biha, wara li ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-attur ma għandux dritt jagħmel din il-kawża, bl-ispejjeż kontra tagħhom, ġiet respinta t-talba ta' l-attur mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, u bir-riżerva favur tiegħu hemm imsemmija; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li l-fatti li taw lok għall-kawża huma fi-qosor dawn li

ġejjin :— Fis-17 ta' Novembru 1922 ġie mwaqqaf f'Ħaż-Żabbar il-"Labour Party Club District Committee" taħt il-Partit tal-Ħaddiema, bl-iskop li l-membri tiegħu, li lkoll keilhom jappartjenu lill-partit fuq imsemmi, jaħdmu bilħila tagħhom kollha a favur u l-kobor ta' l-istess partit; ċirka tmien snin ilu dak il-Club kien għoddu wasal biex jiġi fixxejn, għaliex in-numru tal-membri kien naqas bosta; u allura l-membri li kien fadal, fosthom l-attur, bdew jagħmlu rappreżentazzjonijiet teatrali, mhux taħt l-isem tal-Club, sabiex lanqas biss ikun hemm l-isem tal-pulitika, għaliex kien hemm xi ħsieb illi n-numru tal-membri kien naqas minħabba fiha, u b'hekk l-istat ekonomiku tal-Club jimmiljora. In segwitu, fl-1943, wieħed mill-membri, Lorenzo Schembri, billi kien innota li ħafna ma kienux jidħlu membri tal-Club għaliex ma riedux jieħdu parti fil-pulitika, ippropona li jitbiddel l-isem tal-Club. Fuq din il-proposta, magħmula per mezz ta' l-ittra diretta lill-President per mezz tas-Segretarju, il-Kumitat Direttiv sejjaħ seduta ġenerali tas-soċi, u dawn akkoljew il-proposta, u f'seduta ġenerali oħra ġie deċiż illi l-isem tal-Club jitbiddel f'dak ta' "Għaqda Drammija Melita" u ġew mibdula r-regolamenti;

L-attur ma kienx preżenti fis-seduta meta ttieħdet id-deċiżjoni għat-tibdil ta' l-isem tal-Club; ipprotesta bil-miktub kontra l-imsemmija deċiżjoni u mminaċċja li jieħu passi legali, kif għamel meta ġieb 'il quddiem din il-kawża għalbiex jottjeni d-dikjarazzjoni illi d-deċiżjonijiet fuq indikati huma nulli u bla effett, billi, kif huwa jippretendi, iwasslu għax-xoljiment tal-Club, ħaġa li skond l-attur ma setgħetx issir għaliex kuntrarja għar-regolamenti (reg. nru. 46), u billi, anki jekk setgħet issir, il-proposta relativa ma ġietx magħmula xahar qabel is-seduta li fiha ttieħdet id-deċiżjoni tat-tbiddil ta' l-isem, kuntrarjament għal dak li hemm maħsub fin-numru 43 ta' l-imsemmijin regolamenti;

Illi l-konvenuti jeċċepixxu li l-attur ma għandux dritt jagħmel il-kawża għar-raġuni li ma għadux soċju fil-Club billi ddekada minn dik il-kwalità minħabba li ma ħallasx il-menswalità dovuta skond l-istatut;

U fuq din l-eċċezzjoni kkunsidrat;

Illi skond l-art. 7 ta' l-Istatut tal-Club, meta kien taħt l-isem tal-Partit tal-Ħaddiema, "*kull membru li kien ikun lura fil-menswalità aktar minn tliet xhur ma jkollux id-dritt fuq il-proprjetà u vuċi fis-seduti (votazzjoni); iżda wara tmint ijiem tinbagħatlu ittra rigward dan ir-regolament*". Dana l-artikolu ġie testwalment riprodott fl-istatut tal-Club meta ismu tbiddel f'dak ta' "Għaqda Drammija Melita" (art. 7);

Illi veru huwa li l-attur wara t-tibdil fuq imsemmi ma ħallasx, għal aktar minn tliet xhur, il-menswalità, u lanqas ma ħallasha wara li rċieva l-ittra fuq indikata; huwa però ma kienx iddekada mill-kwalità ta' membru tal-"Labour Party Club", u lanqas proprjament ma jista' jingħad li huwa ddekada mill-kwalità ta' membru tal-"Għaqda Drammija Melita", għaliex qatt ma rritjena ruħu membru tagħha, billi anzi, għar-raġunijiet fuq indikati, jirritjeniha ineżistenti; u difatti huwa għal din ir-raġuni ma ħallasx il-menswalità stabbilita għall-assoċjazzjoni f'dik il-Għaqda. Jekk it-tibdil fuq imsemmi seta' jsir, l-attur ċertament ma kellu jħallas l-ebda menswalità għaliex huwa mill-ewwel iddikjara ruħu kontra l-"Għaqda", u ħadd, jekk huwa ma jridx, ma jista' jikkostrinġieh ikun membru tagħha. Jekk imbagħad l-imsemmi tibdil ma setax isir, l-attur għandu l-kwalità ta' membru tal-Club kif ġie mill-ewwel imwaqqaf u kif kien baqa'; għaliex ma jistax jingħad li huwa qatt iddekada mill-kwalità ta' membru ta' dak il-Club, billi dejjem ħallas il-menswalità dovuta għall-assoċjazzjoni fih sakemm ma sarx l-imsemmi tibdil, u dana huwa ż-żmien li jgħodd għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-interess ta' l-attur li jagħmel din il-kawża;

Din l-eċċezzjoni tal-konvenuti ġiet għalhekk respinta, bl-ispejjeż;

Fil-meritu kkunsidrat;

Illi anki jekk id-deċiżjonijiet u d-deliberazzjonijiet fuq imsemmija waslu għax-xoljiment tal-"Labour Party Club" fuq imsemmi, kif l-attur jallega, *ma jistax jingħad li huwa ta' ostakolu għalihom* ir-regolament numru 46 invokat mill-attur; għar-raġuni li dak ir-regolament jipprovdi sabiex il-Club (Ku-

mitat Distrettwali ma jingħalaqx (jaqax) sakemm jibqgħu fih għaxar membri; fil-waqt li għad-deċiżjonijiet fuq imsemmija għamlu oppożizzjoni wisq inqas minn għaxar membri, għaliex jirriżulta li opponew ruħhom biss l-attur u xi wieħed jew tnejn biss mill-membri l-oħra, għaliex anki dawk il-membri li ma kienux preżenti għas-seduta in segwitu ikkonfermawhom bil-miktub. L-imsemmi regolament ma għandux ifisser illi l-għaxar membri jew aktar li jkunu soċi ma jistgħux jiddeċiedu jagħalqu l-Club, jew illi l-oppożizzjoni ta' wieħed jew aktar, jew inqas minn għaxra, għandha tfixkel id-deċiżjoni fis-sens premess tal-membri l-oħra kollha. Il-fatt li s-soċi kważi unanimament ħadu dik id-deliberazzjoni, għaliex jirriżulta li ma ġietx opposta ħlief mill-attur u membru ieħor jew tnejn oħra, juri li s-soċi kollha barra mill-imsemmijin tnejn jew tlieta ma riedux jibqgħu soċi fil-każin, u għalhekk proprjament lanqas ma jista' jingħad li dana kien fadallu għaxar membri. Jekk imbagħad dak li sar għandu tabilħaqq jiġi ritenut li jammonta għax-xoljiment tal-każin, u f'dan il-każ min mis-soċi għandu dritt tal-proprjetà ta' l-oġġetti tiegħu u kif għandhom jinqasmu, dawn huma kollha kwistjonijiet li ma jidħlux f'din il-kawża, imma għar-rigward tagħhom jibqa' riżervat favur l-attur kull dritt li jista' jkollu;

Illi lanqas ma jista' jingħad li ma ġietx segwita l-proċedura meħtieġa skond ir-regolamenti. Ir-regolament numru 43 ma jidherx applikabili, għaliex dak ir-regolament............. mentri d-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet fuq indikati ġew meħuda, kif jirriżulta mill-provi, f'seduta ġenerali straordinarja, mhux mitluba minn wieħed mill-membri, Lorenzo Schembri għax dana fl-imsemmija ittra tiegħu ma talabx seduta, imma ressaq il-proposta tiegħu għall-ġudizzju u għad-deċiżjoni tal-President; u kwindi lanqas ma huwa applikabili r-regolament numru 42, li jirrikjedi.............; imma dawk ir-riżoluzzjonijiet ġew meħuda f'seduta msejħa mill-Kumitat Direttiv wara li l-President, ossija l-Viċi, billi l-President, li kien l-attur, kien ġà bagħat id-dimissjonijiet tiegħu għal raġunijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża, kien issottometta l-imsemmija proposta ta' Schembri lil dak il-Kumitat. Ma jis-

tax jingħad li dak il-Kumitat ma setax isejjaħ seduta straordinarja, anki bl-urġenza (reg. numru 25);

Illi ġiet esegwita wkoll il-proċedura stabbilita fir-regolament numru 44 għas-seduti straordinarji, billi l-membri kollha ġew mis-segretarju nfurmati...............;

Illi l-attur lanqas ma jista' jattakka b'irregolarità l-proċeduri *billi l-ittra ta' Schembri ma ġietx sottomessa lilu* mis-Segretarju li rċeviha..............., u dana għaliex l-attur ma kienx għadu President tal-Club..............., u allura dik l-ittra ġiet sewwa sottomessa lill-Viċi President;

L-attur lanqas ma jista' jilmenta li ma kienx jaf f'hix kienet tikkonsisti l-proposta ta' Schembri għaliex ma kienetx spjegata fl-imsemmija ċirkulari; u dan għaliex jirriżulta li huwa *qabel is-seduta sar jaf minn għand ħadd ieħor x'kienet dik* il-proposta;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur proprio et nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-26 ta' Frar 1946 tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn irrespinġiet it-talbiet tiegħu u akkollat lilu biċċa mill-ispejjeż, u tiġi konfermata *għall-kumplament, billi hekk jiġi deċiż għall-akkoljiment* tat-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma dawn hawn taħt miġjuba :—

1. F'*Novembru tas-sena 1922, diversi persuni, fosthom* l-appellant, waqqfu f'Ħaż-Żabbar Każin...............; meta fl-1933 il-Kostituzzjoni ġiet ritirata daħlet ċerta apatija fil-politika, u n-numru tas-soċi beda jiċkien, tant li f'ċertu żmien waslu biex kienu ħamsa biss. Kien allura li s-soċi, fosthom l-appellant, biex ma jkollhomx jagħalqu l-każin, irrikorrew għar-rappreżentazzjonijiet teatrali, mhux taħt l-isem tal-każin, u għal espedjenti oħra b'ex ikunu jistgħu jdaħħlu flus biżżejjed għall-ħlas tal-kera u għal xi spiża oħra meħtieġa;

2. Fis-26 ta' Marzu 1943, wieħed mill-membri tal-Ku-

mitat, Lorenzo Schembri, kiteb ittra lis-Segretarju (fol. 10)........... ippropona li jiġi mibdul l-isem tal-każin........... u minħabba l-fatt li kien hemm xi nies li xtaqu jidħlu soċi imma ma setgħux imħabba l-kulur politiku tiegħu;

3. Fis-seduta li l-Kumitat żamm fil-15 ta' April 1943 ġiet miġjuba 'l quddiem il-proposta ta' Schembri.............., u wara diskussjoni twila ġie deċiż li dik il-proposta tiġi miġjuba f'seduta ġenerali........... wara ċirkolari li kellha tinkludi dik il-proposta;

4. Dik iċ-ċirkolari saret (fol. 6), u t-tieni kap ta' l-aġenda kien "Proposta tas-Sur Schembri". Fis-26 ta' April 1943 saret is-seduta ġenerali u kien hemm wieħed u għoxrin soċju preżenti.............. Ġie wkoll deċiż li l-isem ġdid tal-Club kellu jiġi magħżul mill-Kumitat, u wara sottomess lis-soċi kollha f'seduta ġenerali. Fis-seduta tal-Kumitat li saret fid-29 ta' April 1943, billi ma kienx hemm ftehim fuq l-isem il-ġdid tal-Club, il-għażla ġiet imħollija għad-deċiżjoni tas-soċi f'seduta ġenerali li kellha ssir fit-8 ta' Mejju 1943. Għal din is-seduta ġiet maħruġa ċirkolari (fol. 7) li fiha jinsab indikat li wieħed mill-iskopi kien il-"Għażla ta' Isem għal Club"........... kienu preżenti 20 soċju. Ġie deċiż unanimament li l-isem ġdid tal-Club kellu jkun "Melita Dramatic Club";

5. Għalkemm notifikat b'ċirkolari għas-seduti ġenerali tas-26 ta' April u tat-8 ta' Mejju, 1934, l-appellant ma marx. Huwa fit-28 ta' April 1943 (fol. 12) ipprotesta kontra d-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta tas-26 ta' April 1943, u talab seduta ġenerali biex jagħti vot ta' sfiduċja lill-Kumitat u mminaċċja li jieħu passi legali kontra tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi l-motivi ta' l-appell huma bażati tant fuq il-pretensjoni li d-deċiżjonijiet meħudin fl-imsemmijin seduti ġenerali ma setgħux jittieħdu fis-sostanza tagħhom, kemm għaliex il-proċedura li ppreċedietħom kienet irregolari u żbaljata. Biex isostni dawn il-pretensjonijiet tiegħu huwa qiegħed jinvoka l-artikoli 46 u 43 tar-regolamenti tal-"Labour Party Club (District Committee)" ta' Ħaż-Żabbar. L-artikolu 46 fuq imsemmi jgħid illi :— "Dan il-Kumitat Distrettwali ma jistax jinħall

(jaqa') sakemm jibqa fih għaxar (10) membri" u l-pretensjoni ta' l-appellant hija dik li darba, meta saru s-seduti ġenerali *fuq imsemmijin*, *kien hemm iżjed minn għaxar soċi ta' dak il-*Club, dana kellu jibqa' sejjer u ma setax jiġi xjolt jew imbiddel l-iskop prinċipali tiegħu, kif virtwalment sar bid-deċiżjoni-jiet li ttieħdu;

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmi *regolament* 46 għandu jinqara u jiftiehem flimkien mar-regolamenti l-oħra, ta' qabel u ta' wara, biex wieħed jasal għall-vera interpretazzjoni. Ir-regolament 43 jgħid li "kwalunkwe *membru* għandu *d-dritt* li *jipproponi* żieda jew tnaqqis f'dawn ir-regolamenti, basta jibgħat avviż bil-miktub lis-Segretarju xahar qabel is-Seduta Ġenerali Ordina-rja. *Il-proposta* għandha *tkun* sekondata..........."; u *r-rego-*lament 48 jgħid li "dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu mibdula, imnaqqsa jew miżjuda, skond iċ-ċirkustanza li tkun, f'seduta ġenerali *li ssir f'Jannar (barra mir-regolament gà mogħti no.* 43)". Mir-regalomenti fuq imsemmijin (43 u 48) jidher eviden-ti li ma kien hemm ebda limitazzjoni għad-dritt ta' kull soċju li *jipproponi* emendi għal "bdil, tnaqqis jew żieda", skond iċ-ċirkustanzi, tar-regolamenti; u għalhekk anki r-regolament fuq imsemmi numru 46 seta' jiġi emendat, kemm ukoll kwa-lunkwe regolament ieħor seta' jiġi mbiddel jew imħassar jew miżjud bil-proċedura fl-istess regolamenti stabbilita. U meta s-soċi kollha mlaqqgħin f'seduta ġenerali b'vot unanimu ddeċe-dew li l-isem tal-Club kellu jiġi mibdul, u għażlu l-isem ġdid tal-Club, huma kienu fid-dritt jagħmlu hekk kemm il-darba se-gwew il-proċedura stabbilita għall-otteniment ta' dan l-iskop. Infatti deċiżjoni unanimi f'seduta ġenerali tirrappreżenta l-vo-lontà tas-soċi kollha, u jekk kien hemm xi soċju li ma marx u ma qabelx ma' *dik id-deċiżjoni* "imputet sibi" għall-konse-gwenzi. Ir-regolament 46 fuq imsemmi ma jistax jiġi nterpre-tat fis-sens li jrid l-appellant, jiġifieri li sakemm ikun hemm għaxar *soċi* ma setax *jitbiddel* l-isem *u* l-*iskop* tal-każin, billi fi kwalunkwe każ deċiżjoni unanimi meħuda f'seduta ġenerali regolarment konvokata kienet biżżejjed biex turi li mhux biss ma kienx hemm għaxra iżda lanqas *membru wieħed li ried*

ikompli jappartjeni lil dak il-każin taħt l-isem u l-iskop li kellu. Il-fatt li l-appellant waħdu talab seduta ġenerali biex jagħti vot ta' sfiduċja lill-Kumitat, u l-fatt li huwa kien jaf li skond ir-regolamenti dik it-talba kellha ssir minn mhux inqas minn ħames membri, juri biċ-ċar li l-membri kollha, barra minnu, kienu kuntenti b'dak li sar; u mhux konċepibili li membru wieħed seta jinvoka favur tiegħu regolament li bis-saħħa tiegħu jkun jista' jimponi l-volontà tiegħu fuq dik tal-membri l-oħra kollha;

Ikkunsidrat;

Illi lanqas hija fondata l-pretensjoni l-oħra ta' l-appellant li l-proċedura segwita biex ittieħdu d-deċiżjonijiet fuq imsemmijin ma kienetx regolari. Ix-xahar kontemplat fir-regolament 43 ġie osservat........... Tant is-seduta tas-26 ta' April kemm l-oħra tat-8 ta' Mejju, 1943, ġew avżati b'ċirkolari (fol. 6 u 7); fl-ewwel waħda kien miġjub "Proposta tas-sur L. Schembri", u fit-tieni "Għażla ta' Isem għall-Club". Jekk fl-ewwel ċirkolari l-proposta ta' Schembri ma kienetx dettaljatament spjegata, l-appellant ma għandux motiv jilmenta, billi din il-Qorti, bħal dik ta' l-Ewwel Istanza, tħossha persważa li huwa kien jaf f'hix kienet tikkonsisti...........; u għalkemm fis-seduta tas-26 ta' April dak it-tibdil ġie approvat, ebda deċiżjoni ma ttieħdet fuq l-isem il-ġdid. Fiċ-ċirkolari tas-seduta tat-8 ta' Mejju kien espressament miġjub li kellha tiġi trattata l-kwistjoni tal-għażla ta' l-isem ġdid tal-Club. L-appellant lanqas mar għal din is-seduta, fejn huwa seta' jagħti r-raġunijiet tiegħu u jopponi kwalunkwe proposta li setgħet issir; u r-raġuni li ġieb biex jiġġustifika l-assenza tiegħu, jiġifieri dik li deherlu li l-membri ma kienux preparati jiddiskutu l-kwistjoni tiegħu, turi biċ-ċar li huwa kien persważ li ma kien sejjer isib ebda appoġġ minn ħadd u li huwa kien l-uniku dissidenti fost il-membri kollha;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sakemm kompatibili;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-26 ta' Frar 1946; bl-ispejjeż kontra l-appellant.